# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta’ nhar it-14 ta’ Dicembru, 2001

**Numru 9**

**Avviz numru 799/01DM**

**AJM Investments Limited**

**vs**

**The Arrigo Group Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ elfejn mitejn u tmien liri Maltin (Lm2208) oltre l-imghax legali mit-18 ta’ Ottubru 1999 dovuti in konnessjoni ma akkomodazzjoni moghtija lill-turisti fuq struzzjonijiet tal-konvenuti f’The New Tower Palace Hotel tas-Sliema u dan skond invoices mibghuta lill-konvenut illi gew esebiti u mmarkati minn dokumenti A sa dokument K;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta’ Lulju, 2001 u tal-31 t’Awissu, 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti

ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil George Borg Direttur tal-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn mitejn u tmien liri Maltin (Lm2208) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Ottubru 1999 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va